TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 349/11 (JE).

Mary Tonna

vs

Maltapost p.l.c.

Illum, 22 ta' Marzu 2012.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tat-talba ta' Mary Tonna tat-18 ta' Awwissu 2011 fejn allegat illi ilha mis-sena 2007 bi problemi fit-tqassim tal-posta fir-residenza tagħha. Għaldaqstant, hija talbet illi tingħata kaxxa postali għall-perjodu ta' sentejn sakemm tissolva l-problema.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi eċċepiet preliminarjament illi dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti illi jordnalha tipprovdi kaxxa postali lill-attriċi ai termini tal-artikolu 20 tal-Kap. 378; fi-tieni lok, is-soċjetà konvenuta m'hijiex responsabbli għal nuqqas ta' kunsinna ta' oġġetti postali ai termini tal-artikolu 29 tal-Kap. 254; fit-tielet lok, kwalunkwe dritt ta' kumpens talvolta dovut huwa dovut lil min jibgħat tali oġġetti postali; illi bla preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u sussidjarjament, kwalunkwe danni morali likwidati favur l-attriċi ma jistgħux jeċċedu l-ammont imsemmi fl-artikolu 21(2) tal-Kap. 378.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2012 fejn din il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara s-sentenza preliminari dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta tas-6 ta' Frar 2012.

Ra l-provi prodotti.

Ikkunsidra.

Illi l-attriċi qiegħda tilmenta illi hija m'hix tirċievi l-posta regolarment u semmiet li ma rċevietx l-pin number tal-Cashlink, kont tad-dawl, tal-cable television u statement tal-loan u

(*a*) ix-xiri jew kiri minn konsumatur ta' oġġetti mingħand kummerċjant;
(*b*) l-għoti ta' servizzi minn kummerċjant lil konsumatur.

M'hemmx dubju illi l-kwistjoni de quo tirrigwarda servizz mogħti mis-soċjetà konvenuta u għalhekk, jinkwadra fid-dispositiv ta' l-artiklu 20(1)(b) tal-Kap. 378.

Baqa' biex jiġi eżaminat jekk is-soċjetà konvenuta tikkwalifikax bħala "kummerċjant". Fil-Kap. 378,

> "kummerċjant" tfisser –
>
> (i) kull persuna, inklu\ korp magħqud jew mhux magħqud, li għar-rigward ta' kull transazzjoni jew ħaġ'oħra koperta b'dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu tkun qegħda taġixxi għal raġunijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-kummerċ, negozju, sengħa jew professjoni tiegħu;
> (ii) kull korp pubbliku kemm jekk korporat jew inkorporat li jipprovdi oġġetti jew servizzi lill-konsumatur għal kumpens; u
> (iii) kull persuna li għaliha japplika l-artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ:

Għaldaqstant, l-anqas jidher illi teżisti xi problema biex is-soċjetà konvenuta tinkwadra fid-definizzjoni ta' "kummerċjant" u senjatament is-sub-inċiż ii tad-definizzjoni in kwistjoni.

Inoltre, l-artiklu 21 tal-Kap. 378 ma jorbotx lit-Tribunal fir-rigward tar-rimedju li jista' jagħti, anzi jitlob illi t-Tribunal jimxi skond l-ekwità.

Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta qed tiġi miċħuda.

Fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta, l-artiklu 29 tal-Kap. 254 invokat mis-soċjetà konvenuta jiddisponi :

> **29.** L-operatur postali m'għandu jinkombi ebda responsabbiltà għal kumpens minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew ħsara lil, xi oġġett postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta, sakemm dak il-kumpens –
>
> (*a*) ikun hemm qbil dwaru bejn l-operatur postali u l-mittent, jew
> (*b*) ikun ġie stabbilit b'regolamenti kif jistgħu minn żmien għal żmien ikunu preskritti taħt dan l-Att, irrispettivament mill-valur tal-oġġett:
>
> Iżda la l-Awtorità u l-anqas xi wieħed mill-uffiċjali tagħha jew xi uffiċjal ta l-operatur postali m'għandhom jinkorru ebda responsabbiltà minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew ħsara bħal dawk, kemm-il darba dawn ma jkunux ġew kaġunati b'malafidi jew bi traskuraġni.

Illi dana l-provvediment jagħti immunità lis-soċjetà konvenuta minn kwalunkwe azzjoni għal danni minħabba "f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew ħsara lil, xi oġġett postali fil-kors tat-trasmissjoni bil-posta". Illi t-talba tal-attriċi m'hijiex għal-likwidazzjoni għal danni imma sabiex tingħata rimedju effettiv illi t-Tribunal jidhirlu illi huwa f'posizzjoni illi jagħti skond il-prinċipji ta' ekwità kif diġa rriżulta fil-każ illi jirriżulta illi dak lamentat mill-attriċi huwa minnu.

Għaldaqstant, it-Tribunal qed jiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawża. Spejjeż riservati għad-deċiżjoni finali.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.